MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 303/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Keith-Joseph Mallia**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat Keith-Joseph Mallia ta' tlieta u erbghin (43) sena, bin Emanuel u Theresa nee` Sciberras, imwieled Attard fis-6 ta' Marzu 1971, residenti Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 148471(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Marzu, 2014, ghall-habta tal-16:00hrs, minn gewwa Birzebbugia ikkommetta serq ta' accessorji relatati mat-trobbija tal-hamiem u xi affarijiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), izda ma jeccediex elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Johann Farrugia u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa` ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U nakkuzah talli fl-24 ta' Marzu, 2014, ghall-habta tal-18:30hrs, gewwa Birzebbugia, bi kliem insulentajt, heddidt jew ingurjajt lil Carmelo Sacco u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, waqt li kien qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti,

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil Carmelo Sacco u/jew persuni ohra, biza` li ser tintuza vjolenza kontrih u/jew kontra il-propjeta tieghu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi tirrevoka contrario imperio id-digriet tal-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Keith-Joseph Mallia moghti nhar l-04 ta' Marzu 2013, mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. u tordna ir-ri-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somma ta' elf (1,000) Ewro u ghaxar t'elef (10,000) Ewro imposta fuqu bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat illi fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u li kienet qieghdha tirtira r-raba' imputazzjoni;

Rat li l-imputat ammetta ghall-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Semghet lill- Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex oggezzjoni li l-imputat ma jitlifx il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u lanqas ma jitlef id-depozitu u l-garanzija personali ai temini tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjuduta tal-4 ta' Marzu 2013;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat **ammetta l-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjoni** migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, li m'hi xejn wahda felici. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li r-*res furtiva* giet ritornata kwazi kollha u li l-Prosekuzzjoni u d-difiza talbu lil din il-Qorti tikkonsidra li tinghata piena ta' prigunerija sospiza.

Illi l-Qorti tinnota illi  l-imputat diga inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati u jidher li qisu hajtu kienet qabdet rotta ohra wara l-2004 sal-incident li dwar hu akkuzat illum.  Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija propensa li taghti din l-ahhar opportunita` lill-imputat biex jerga' jbiddel ir-rotta hazina li qabad pero qed taghmilha cara li jekk l-imputat ma jaghrafx jisfrutta din l-opportunita` li qed taghtih il-Qorti, allura dawn il-Qrati mhux se jkollhom ghazla ohra hlief li fil-futur jimponu piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli  261 (c), 267, 279 (a), 251 B (1), 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni (2) li nghatat bhala alteranattiva ghall-ewwel imputazzjoni, u tar-raba' (4) imputazzjoni peress li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-**imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal tnax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1)  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mill-lum.**

Illi finalment fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tigi inflitta l-piena stabbilita skond il-ligi, jigi revokat *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest ta' l-imputat moghti nhar l-4 ta' Marzu 2013 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. u sabiex jigi ordnat ir-ri-arrest tal-imputat u kif ukoll sabiex id-depozitu u l-garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti, anke in vista ta' dak verbalizzat seduta stante mill-Prosekuzzjoni, qieghdha taghzel li ma tikkonfiskax la d-depozitu u lanqas il-garanzija personali u wkoll qed taghzel li ma tordnax ir-ri-arrest tal-imputat, **pero qieghdha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€500) oltre l-piena tabbilita` iktar 'il fuq.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------